MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 909/2003

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur A B u l-konvenuta C D zzewgu fit-2 ta' Ottubru 1999;

Premess illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-2 ta' Ottubru 1999 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi hija ma topponiex ghat-talba maghmula mill-attur in kwantu illi z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha legali.

Illi pero' l-esponenta topponi l-premessi ta' l-attur in kwantu jinghad illi l-kunsens tieghu nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta esponenta li fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi mhux opposta t-tielet premessa illi l-kunsens tal-partijiet seta' kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tasal biex takkolji t-talba ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti, izda dan qatt ma ghandu jsir a bazi ta' xi tort imputabbli biss u esklussivament lill-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li permezz ta’ verbal registrat fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2005 quddiem l-Assistant Gudizzjarju l-attur irtira t-tieni premessa tac-citazzjoni relattiva ghall-kawzali bazata fuq il-paragrafu [c] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta’ Ottubru 1999 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Ottubru 1999 wara gherusija ta’ circa sitt snin. Irrizulta pero’ li sitt xhur qabel iz-zwieg nqala’ intopp serju fir-relazzjoni ta’ bejniethom, li kienet timmanifesta nuqqas ta’ preparazzjoni u xewqa ghaz-zwieg da parti tal-konvenuta, u bil-mod kif eventwalment zvolgew l-affarijiet u r-ragunijiet noghtija mill-attur ghaliex dan kien hass li kellhom jibqghu ghaddejjin u jizzewwgu, juru difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, da parti taz-zewg kontendenti. L-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jinsabu indikati fil-gurisprudenza applikabbli bhala dawk bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita’ li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003]*. Fil-kaz in disamina, jirrizulta, mill-kumpless tal-provi anke mill-komportament tal-partijiet wara z-zwieg, li z-zewg partijiet kienu mankanti f’ dan ir-rigward; u mill-qari tax-xhieda l-Qorti hija konvinta li l-partijiet iddecidew li jghaddu ghaz-zwieg mhux ghax verament riedu jizzewwgu, izda ghax kellhom kollox lest u kienu ntefqu hafna flus f’ dan ir-rigward.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] tal-imsemmi Kap. ghar-raguni mputabbli liz-zewg partijet, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha, salv ghal temperament fil-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kkuntratt bejn il-partijiet fit-2 ta’ Ottubru 1999.  L-ispejjez jigu sopportati f’ porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------